**Il-President Dieter F. Uchtdorf**
It-Tieni Kunsillier fl-Ewwel Presidenza



# Nagħmlu Nżul Mingħajr Periklu waqt it—Taqlib

M'ilux wisq, marti Harriet u jien konna ninsabu f' ajruport nosservaw l-inżul ta' bosta ajruplani meraviljużi. Kien jum kollu riħ, u buffura qawwija wara l-oħra bdiet tonfoħ b' saħħa kontra kull ajruplan li jkun nieżel, u dan wassal biex waqt l-inżul tiegħu kull wieħed minnhom beda jispiċċa jilwi f' daqqa u jitriegħed.

Hekk kif aħna bdejna nosservaw din it-taqbida bejn in-natura u l-ajruplan, ħsibijieti marru lura għal meta jiena stess kont għadni qed nitħarreġ bħala pilota u l-prinċipji li jiena tgħallimt dak iż-żmien—u li aktar tard għallimthom lil piloti oħra fit-taħriġ.

"Waqt it-taqlib qatt tispiċċa tiġġieled mal-apparat li jkollok quddiemek," kont ngħidilhom jien. "Ibqgħu kalmi; tippanikjawx. Żommu għajnejkom iffukati fuq iċ-ċentru tar-ranwej. Jekk intom tiddevjaw mir-rotta li tkunu tixtiequ taqbdu, ippruvaw, fil-pront u b' għaqal, erġgħu lura fir-rotta t-tajba. Afdaw fil-potenzjal tal-ajruplan tagħkom. Komplu tiru sakemm taqbżu r-riħ qawwi."

Il-piloti ta' esperjenza jafu li mhux dejjem possibbli tikkontrolla dak li jista' jiġri madwarek. Mhux sempliċiment teħles mit-taqlib! Huma ma jistgħux jisparixxu x-xita jew is-silġ. Huma ma jistgħux iwaqqfu r-riħ milli jinfoħ jew jibdlu d-direzzjoni tiegħu.

Iżda huma jifhmu wkoll li huwa żball li joqogħdu jibżgħu mit-taqlib jew mill-irjieħ qawwija—u speċjalment m'għandhom qatt jispiċċaw li minħabba fihom ma jkunux jafu x' se jaqbdu jagħmlu. Il-mod kif għandek tniżżel l-ajruplan bla periklu meta l-kundizzjoni tat-temp ma tkun ideali xejn hu li tibqa' dejjem għaddej fir-rotta t-tajba u b' mod normali kemm jista' jkun.

Hekk kif bdejt nara ajruplan wara l-ieħor jagħmel l-inżul tiegħu u hekk kif bdejt naħseb dwar il-prinċipji li jiena tgħallimt fis-snin li qattajt bħala pilota, bdejt nikkontempla jekk hawnhekk kienx hemm xi lezzjoni li nistgħu nitgħallmu għall-ħajja tagħna ta' kuljum.

Aħna mhux dejjem nistgħu nikkontrollaw il-maltemp li l-ħajja tpoġġi quddiemna. Xi kultant l-affarijiet ma jaqbdux u sempliċiment jisparixxu. Nafu nħossuna nitriegħdu u ninxteħtu 'l hawn u 'l hemm minħabba t-taqlib tad-diżappunt, id-dubju, il-biża', in-niket u l-istress.

Tul dawk il-mumenti, huwa faċli li nallarmaw ruħna għal kull ħaġa li tkun sejra ħażin u li nispiċċaw niffukaw fuq l-inkwiet tagħna. Naqgħu fit-tentazzjoni li niffukaw fuq l-isfidi li nkunu qed niffaċċjaw minflok ma niffukaw fuq is-Salvatur u t-testimonjanza tagħna tal-verità.

Iżda dan mhuwiex l-aħjar mod kif għandna ninnavigaw qalb l-isfidi li jkollna f' ħajjitna.

L-istess kif pilota ta' esperjenza jiffoka mhux fuq il-maltempata iżda fuq iċ-ċentru tar-ranwej u fuq il-post propju fejn se jniżżel l-ajruplan, l-istess aħna għandna nibqgħu niffukaw fuq iċ-ċentru tal-fidi tagħna—is-Salvatur tagħna, l-evanġelju Tiegħu u l-pjan ta' Missierna tas-Smewwiet—u

fuq l-għan aħħari tagħna—li nerġgħu lura mingħajr periklu fid-destinazzjoni tagħna fis-smewwiet. Għandna nafdaw f' Alla u l-qofol tal-isforzi tagħna għandu jkun li nibqgħu fit-triq li jimxu fiha d-dixxipli. Għandna dejjem inżommu għajnejna, qalbna u moħħna ffukati f' li ngħixu kif nafu li għandna ngħixu.

Aħna niksbu l-hena u l-glorja jekk aħna nuru l-fidi tagħna u l-fiduċja tagħna f' Missierna tas-Smewwiet billi b' ferħ nobdu l-kmandamenti Tiegħu. Jekk aħna nibqgħu fit-triq it-tajba, aħna jirnexxielna ngħaddu minn qalb kull taqlib—jidher kemm jidher b' saħħtu—u nerġgħu lura fid-dar tagħna fis-smewwiet.

Kemm jekk is-sema ta' madwarna tkun waħda ċara jew inkella mimlija sħab, bħala dixxipli ta' Ġesù Kristu, aħna nfittxu l-ewwel is-saltna ta' Alla u t-tjubija Tiegħu, għax nafu li jekk nagħmlu dan, kull ħaġa li aħna neħtieġu eventwalment tiġi mogħtija lilna (ara Mattew 6:33).

X' lezzjoni importanti għal ħajjitna!

Aktar ma niffissaw fuq id-diffikultajiet tagħna, fuq it-taqbid tagħna, fuq id-dubji tagħna u fuq il-biżgħat tagħna, aktar l-affarijiet isiru għalina diffiċli. Iżda aktar ma niffukaw fuq id-destinazzjoni finali tagħna fis-smewwiet u fuq il-ferħ li niksbu jekk nimxu fit-triq tad-dixxipli—billi nħobbu lil Alla u naqdu lill-proxxmu—aktar hemm ċans li ninnavigaw b' suċċess qalb l-inkwiet u t-taqlib.

Għeżież ħbieb tiegħi, jonfoħ kemm jonfoħ b' mod vjolenti r-riħ tal-eżistenza mortali tagħna, l-evanġelju ta' Ġesù Kristu dejjem joffri l-aqwa rotta biex nagħmlu nżul mingħajr periklu fis-saltna ta' Missierna tas-Smewwiet.

**TAGĦLIM MINN DAN IL-MESSAĠĠ**

Il-President Uchtdorf tana kunsill sabiex "nafdaw f' Alla u l-qofol tal-isforzi tagħna għandu jkun li nibqgħu fit-triq li jimxu fiha d-dixxipli." Ikkunsidraw li tistaqsu lil dawk li intom tgħallmu kif huma rnexxielhom jibqgħu ffukati "fuq id-destinazzjoni finali tagħhom fis-smewwiet u fuq il-ferħ li kisbu meta mxew fit-triq tad-dixxipli" f' mumenti meta huma ħabbtu wiċċhom ma' ċerti sfidi. Tafu tridu tistednuhom biex f' mumenti diffiċli huma jaħsbu dwar modi kif jistgħu jiffukaw fuq it-testimonjanza tagħhom u fuq Kristu u biex bl-għajnuna tat-talb huma jiddeċiedu kif jimplimentaw xi idea jew aktar minn waħda f' ħajjithom.

## ŻGĦAŻAGĦ

### Pedament għat-Testimonjanza Tiegħi

Minn Jennifer Weaver

Meta jiena kelli 16, ġiet tarani d-dar waħda ħabiba tiegħi flimkien mal-missjunarji. Wara li għadda xahar mill-ewwel diskussjoni, it-tweġibiet kollha li jien kelli kienu ġew imwieġba bl-aktar mod ċar. Jiena ħassejt l-Ispirtu s-Santu jixhed dwar il-verità tal-messaġġi dwar ir-Restawrazzjoni. Kienet xi ħaġa differenti minn kull ħaġa li qatt ħassejt qabel, u kont naf li dan kollu kien veru.

Madankollu, jiena spiċċajt imwarrba u esperjenzajt oppożizzjoni aktar minn qatt qabel. Ħassejtni waħdi, għajjiena u konfuża. Jekk jiena kont qed nagħmel dak li kien xieraq, għalfejn kont qed inħabbat wiċċi ma' daqstant avversità? Ma stajtx nifhem kif l-isfidi li kont għaddej minnhom qatt setgħu kienu għall-aħjar tiegħi. Il-missjunarji għallmuni biex insum u nitlob, anke f' nofs jum tal-iskola. Meta l-affarijiet li bdejt niffaċċja quddiemi ma stajtx niflaħhom aktar, jiena bdejt niftaħ qalbi permezz tat-talb u immedjatament inħoss fija l-faraġ tal-Ispirtu.

Il-ġimgħa tal-magħmudija tiegħi kienet mimlija sfidi. L-imgħallem tiegħi heddidni li jkeċċini jekk jiena kont se mmur nitgħammed minflok ma nidħol naħdem flok xi ħadd ieħor, spiċċajt ukoll l-isptar għax kelli l-ġebla fil-kliewi u l-ġenituri tiegħi talbuni biex nitlaq 'il barra mid-dar tagħna. B' daqstant ħwejjeġ kontra tiegħi, l-unika ħaġa li stajt nagħmel kienet li ndur lejn il-Mulej.

Kull waħda minn dawk l-isfidi *spiċċat* biex finalment kienet għall-aħjar tiegħi. Għenuni nitgħallem dwar id-duttrina tal-evanġelju, li pprovdietli pedament għat-testimonjanza tiegħi.

*L-awtriċi tgħix f' Idaho, l-Istati Uniti.*

© 2016 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/15. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/15.
Traduzzjoni ta' *First Presidency Message, February 2016.* Maltese. 12862 159

# Iż-Żwieġ Hu Ordnat minn Alla

**Fidi, Familja, Għajnuna**

*Bl-għajnuna tat-talb studja dan il-materjal u fittex sabiex tkun taf x' għandek taqsam ma' ħutek. Jekk intom tifhmu aħjar "Il-Familja: Proklamazzjoni lid-Dinja" kif jista' jwassal biex intom tkabbru l-fidi tagħkom f' Alla u tbierku lil dawk li intom responsabbli minnhom permezz tat-tagħlim taż-żjajjar? Għal aktar informazzjoni, żuru* ***reliefsociety.lds.org****.*

Il-profeti, l-appostli u l-mexxejja jkomplu "b' mod solenni jiddikjaraw li ż-żwieġ bejn raġel u mara hu ordnat minn Alla u li l-familja hija fil-qalba tal-pjan tal-Kreatur."[1]

Il-Presbiteru D. Todd Christofferson tal-Kworum tat-Tnax-il Appostlu qal: "Familja mibnija fuq żwieġ ta' bejn raġel u mara tissupplixxi l-aqwa ambjent biex fih jiżviluppa l-pjan ta' Alla. . . .

". . . La aħna u l-ebda bniedem mortali ieħor ma jista' jibdel din l-ordni divina taż-żwieġ."[2]

Bonnie L. Oscarson, president ġenerali tat-Tfajliet, qalet: "Kull persuna, hi x'inhi ċ-ċirkustanza tagħha fiż-żwieġ jew għandha kemm għandha tfal, tista' tkun difensura tal-pjan tal-Mulej kif deskritt fil-proklamazzjoni tal-familja. Jekk dan huwa l-pjan tal-Mulej, għandu jkun ukoll il-pjan tagħna!"[3]

Il-Presbiteru Christofferson kompla jgħid: "Xi wħud minnkom tinsabu mċaħħdin mill-barka taż-żwieġ għal ċerti raġunijiet varji fosthom minħabba nuqqas ta' għażliet xierqa, minħabba attrazzjoni lejn nies tal-istess sess, minħabba xi diżabbiltà fiżika jew mentali, jew sempliċiment minħabba biża' ta' falliment. . . . Jew forsi hemm minnkom li żżewwiġtu, iżda dak iż-żwieġ sfaxxa. . . . Uħud minnkom li intom miżżewġin ma jistax ikollkom tfal. . . .

Iżda xorta waħda, . . . kulħadd jista' jikkontribwixxi għat-twettiq tal-pjan divin f' kull ġenerazzjoni."[4]

### Skrittura Addizzjonali

Ġenesi 2:18–24; 1 Korintin 11:11; Doctrine and Covenants 49:15–17

### Stejjer Ħajjin

Brother Larry M. Gibson, li kien l-ewwel kunsillier fil-presidenza ġenerali tal-Ġuvintur, irrakkonta meta Shirley, li issa hija martu, qaltlu:

"'Jiena nħobbok għaliex naf li inti tħobb lill-Mulej aktar milli tħobb lili.' . . .

"Dik it-tweġiba ħassejtha f' qalbi. . . .

". . . U jiena ridtha li hi dejjem tkun taf li l-imħabba tiegħi lejn il-Mulej tiżboq kull imħabba oħra."[5]

Il-Presbiteru David A. Bednar tal-Kworum tat-Tnax-il Appostlu għallem: "Il-Mulej Ġesù Kristu huwa fil-qalba ta' relazzjoni ta' żwieġ tal-patt. . . . Immaġinaw li s-Salvatur jinsab fil-quċċata ta' trianglu, bil-mara fil-bażi f' angolu wieħed u r-raġel fil-bażi f' angolu ieħor. Issa kkunsidraw kif tkun ir-relazzjoni bejn raġel u mara hekk kif b' mod individwali huma verament 'jersqu lejn Kristu' u jagħmlu l-almu tagħhom biex 'ikunu pperfezzjonati fih' (Moroni 10:32). Permezz tal-Feddej, ir-raġel u l-mara jistgħu jersqu aktar viċin xulxin."[6]

**NOTI**

1. "Il-Familja: Proklamazzjoni lid-Dinja," *Liahona,* Nov. 2010, 129.
2. D. Todd Christofferson, "Why Marriage, Why Family," *Liahona,* Mejju 2015, 52.
3. Bonnie L. Oscarson, "Defenders of the Family Proclamation," *Liahona,* Mejju 2015, 15.
4. D. Todd Christofferson, "Why Marriage, Why Family," 52.
5. Larry M. Gibson, "Fulfilling Our Eternal Destiny," *Ensign,* Fr. 2015, 21–22.
6. David A. Bednar, "Marriage Is Essential to His Eternal Plan," *Liahona,* Ġunju 2006, 54.

### Ikkunsidra Dan

Kif qiegħed jiena b' mod individwali verament nagħmel li nista' biex "nersaq lejn Kristu"?

© 2016 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/15. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/15.
Traduzzjoni ta' *Visiting Teaching Message, February 2016.* Maltese. 12862 159